MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2014

Numru. 1044/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Elton Taliana**

**vs**

**Stephen Vella**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Stephen Vella ta’ 35 sena mwieled Pieta’ nhar it-13 ta’ Settembru 1975 bin Joseph u Paola nee’ Azzopardi u residenti BerthJoeCal, Triq il-Kappella, Santa Marija, Naxxar u detentur tal-karta tal-identita’ numru 460675 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

1. Nhar it-30 ta’ Jannar 2011 ghall-habta ta’ 15.15Hrs fi Triq il-Kappella ta’ Santa Marija, Naxxar minghajr il-

hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Bartholomew Bonnici minn Naxxar skond kif iccertifikat Dr. A. Moore M.D. mill-isptar Mater Dei u dan ai terminu tal-artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 4 ta' Novembru 2011 (esebit a fol. 12 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2012 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-parte civile u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw glieda li allegatament sehhet fit-30 ta' Jannar 2011 ghall-habta ta' 15.15hrs fi Triq il-Kappella ta' Santa Marija, Maghtab bejn l-imputat u l-parti civili Bartholomew Bonnici u fejn iz-zewg partijiet sofrew griehi. L-imputat li jigi r-ragel ta' oht il-parti civili u l-istess parti civili kien ilhom ghal diversi snin ikollhom kwistjonijiet varji minhabba li kienu joqghodu hdejn xulxin u l-parti civili kien qed jopera farm tal-fniek b'mod illegali u johloq inkonvenjent lill-imputat li min-naha tieghu talab il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni fil-konfronti ta' Bonnici sabiex dan jigi mpedit milli johrog id-demel mill-farm ghall-barra t-triq u fil-gurnata in dizamina l-inkwiet inqala' ghaliex Bonnici kien qed johrog id-demel tal-fniek bil-karretta ghal got-triq u l-imputat kien qed jehodlu xi ritratti bhala prova li dawn l-affarijiet kienu ghadhom isiru kontra ordni specifika tal-Qorti.

Il-parti civili Bartholomew Bonnici xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-19 ta' Jannar 2012 fejn qal li fil-gurnata in dizamina kmieni wara nofsinhar huwa kien qed inaddaf fil-farm tal-fniek tieghu il-Maghtab u waqt li kien hiereg b'karretta demel ra lill-imputat jehodlu r-ritratti u huwa qallu sabiex jehodhom sew ir-ritratti u wara li rema' d-demel fil-foss u rega' hareg b'karretta ohra l-imputat li kompla jehodlu r-ritratti qabad gebla u beda' sejjer lejh. Bonnici jghid li huwa kellu l-pipe tal-ilma f'idu u ppuntah fid-direzzjoni tal-imputat. Ix-xhud isostni li l-imputat beda' jaghtih kemm jiflah f'rasu bil-gebla li kellu f'idejh u beda' jipprova jifgghu sakemm gie persuna li nzerta kien ghaddej minn hemm, certu Redeemer Mallia, li qala' lill-imputat minn fuq Bonnici u mbaghad hadu l-Ghassa u sussegwentement l-Isptar. Ix-xhud jghid li huwa kien mahsul bid-demm u kellu griehi fuq wiccu u darsa miksura. In kontro-ezami Bartholomew Bonnici ammetta li huwa kien qal lil Redeemer Mallia sabiex l-ewwel jiehdu l-Ghassa u mbaghad l-Isptar.

Meta xehed Redeemer Mallia waqt l-udjenza tal-24 ta' Frar 2012 huwa kkonferma li Bonnici kien qallu sabiex l-ewwel jiehdu l-Ghassa u mbaghad l-Isptar. Huwa qal ukoll li ma kienx ra kif bdiet il-glieda u kien intervjena biss sabiex iferraq liz-zewgt irgiel minn ma xulxin u sostna li ma kien ra xejn f'idejn ebda wiehed minnhom.

Dr. Alice Moore li xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-19 ta' Jannar 2012 spjegat li kienet ezaminat lil Bartholomew Bonnici fl-Emergenza tal-Isptar Mater Dei u huwa kellu lacerated wound ta' 2cm 'under the left forhead' u abrasion on the right cheek. Hija spjegat li l-lacerated wound kienet superficjali u saret biss butterfly stitch. Hija qalet ukoll li saret CT Scan lil Bonnici ghaliex huwa qalilhom li f'xi hin kien intilef minn sensih izda rrizulta li huwa ma kellu xejn f'rasu. Hija qalet ukoll li ghalkemm Bonnici sostna li kellu xi haga f'halqu hija ma sabet xejn meta ezaminatu u spjegat li indikat li l-griehi kienu ta' natura gravi ghaliex kienu fil-wicc u meta regghat rat lil Bonnici fl-awla dakinhar tal-udjenza hija qalet li l-griehi li kellu f'wiccu ma kienu hallew ebda marka.

L-imputat ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-14 ta’ Marzu 2013 fejn ikkonferma dak li kien qal fl-istqarrija minnu rilaxxjata fis-16 ta’ Frar 2011[1] u spjega li li l-parti civili li jigi hu martu jghix dar ma dar mieghu u huma kellhom kwistjonijiet bejniethom minhabba li dan Bonnici kien qed jopera farm tal-fniek b’mod illegali u kien anki sar Mandat ta’ Inibizzjoni fil-konfronti tieghu sabiex ma jkompliex johrog demel u hmieg iehor barra t-rriq minn dan il-farm. L-imputat spjega li nonostante dan il-Mandat ta Inibizzjoni Bonnici kompla johorg dan il-hmieg u fil-gurnata in dizamina huwa rah johrog id-demel bil-karretta u ghalhekk iddecieda li jehodlu r-ritratti sabiex ikollu prova ta’ dak li kien qed jaghmel Bonnici. L-imputat isostni li meta Bonnici rah jehodlu r-ritratti dan qabad jghajru u joffendih u f’hin minnhom tfixkel u waqalu xi demel mal-art u skond l-imputat Bonnici qabad dan id-demel u wadbu lejn wiccu izda huwa dar u ntlaqat f’daru. L-imputat jispjega li huwa mar sabiex imur gewwa daru u jitnaddaf meta l-imputat gie minn warajh u tah daqqa ta’ pajp min go rasu ghal daru u huwa dar lejh sabiex jiddefendi lilu nnifsu u tefa’ id wahda quddiem wiccu u bl-ohra beda’ jzomn id Bonnici u mbuttah lura izda dan gidimlu subghajh mar lura u waqa’ u l-imputat jghid li huwa waqa’ fuqu ghaliex kien ghad kellu subghajh f’halqu u huwa mbaghad gibed subghajh il-barra minn halq Bonnici u ntilef minn sensih. L-imputat jghid li huwa mbaghad mar l-isptar fejn dam rikoverat jumejn L-imputat jichad li huwa ta’ xi daqqiet ta’ gebla f’ras Bonnici u esebixxa ritratti li juru l-griehi kagunati bil-pipe f’daru kif ukoll il-griehi f’subghajh fejn gidmu Bonnici u in atti gie esebit ukoll il-file mediku tieghu minn rapprezentant tal-Isptar Mater Dei.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza f’dan il-kaz jirrizulta pjuttost evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b’zewg verzjonijiet tal-fatti ghal kollox kunfliggenti fejn min-naha l-wahda Bartholomew Bonnici jsostni li gie agredit mill-imputat u min-naha l-ohra l-

[1] Inserita a fol. 5 u 6 tal-atti processwali.

imputat isostni li kien Bonnici li agredih u li huwa rrejagixxa in legittima difesa. L-unika xhud okulari f'dan l-kaz ma kienx f'posizzjoni jaghti dettalji dwar id-dinamika tal-glieda.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fis-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Ottubru, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Gauci et,** gie ritenut li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker (*Qorti tal- Appell Kriminali-deciza fid-19 ta' Mejju, 1997)*** gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-

*"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire,spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit"*

.

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provediment iehor.

Ikkunsidrat:

Illi fil-kaz odjern din il-Qorti jidrilha li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-parti civili Bartholomew Bonnici thalli hafna dubji u dan jinghad principalment dwar il-veracita' o meno ghaliex il-verzjoni minnu moghtija m'hijiex korroborata

mill-evidenza medika. Bonnici fil-fatt isostni li l-imputat tah daqqiet ripetuti f'rasu b'gebla izda mix-xhieda ta' Dr. Alice Moore jirrizulta li huwa kellu superficial laceration fuq mohhu u abrasion on the right cheek. Dawn il-feriti huma ferm aktar kompatibbli mal-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat milli ma dik moghtija mill-parti civili. Anki id-darsa miksura li l-parti civili jghid li giet kagunata mid-daqqiet moghtija mill-imputat ma tantx hija kompatibbli mal-verzjoni tal-fatti minnu moghtija u jezisti d-dubju li fil-fatt il-hsara riskontrata fid-darsa kienet diga' hemm qabel l-incident de quo. Min-naha l-ohra l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li l-fatti sehhew kif indika hu u dan ghaliex ir-ritratti u certifikati medici minnu esebiti jindikaw li huwa effettivament kellu griehi f'daru u f'subghajh kompatibbli ma daqqiet ta' pipe u gidma. Fic-cirkostanzi il-Prosekuzzjoni ma tistghax titqies li pruvat il-kaz taghha sal-grad ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------